MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 320/2006

**Avv. Michael PSAILA għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera CECCOTTI AVIERO SRL**

**vs**

**C. FINO & SONS. LTD (C2468)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-11 ta' April, 2006, li bih is-soċjeta' attriċi barranija, wara li ppremettiet;

Illi l-avukat sottoskritt ingħata prokura speċjali datata 10 ta' Marzu 2006 mingħand is-soċjeta' estera Ceccotti Aviero Srl fil-persuna tal-istralċjarju u rappreżentant tagħha, is-sur Marco Martini, sabiex jidher f'isem u għan-nom tal-istess soċjeta' f'dawn il-proċeduri, kopja ta' liema prokura qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi s-soċjeta' Ceccotti Aviero Spa. intavolat kawża fit-*Tribunale di Pisa – Sezione Civile* kontra s-soċjeta' intimata liema kawża ġiet deċiża b'sentenza tas-27 ta' Diċembru, 2004 (dokument anness u mmarkat Dok. B);

Illi permezz tas-sentenza fuq imsemmija, is-soċjeta' C. Fino & Sons Limited ġiet ikkundannata tħallas lis-soċjeta' Ceccotti Aviero Spa is-somma ta' għoxrin elf erba' mija u tlieta u għoxrin Euro u tmenin ċenteżmu (Eur. 20,423.80), is-somma ta' elfejn mija u ħames Euro u sittin u ħamsin ċenteżmi (Eur. 2,105.56) rappreżentanti spejjeż ġudizzjarji, kif ukoll imgħax dekorribli mit-8 ta' Jannar, 1998;

Illi s-sentenza fuq ċitata hija eżegwibbli ġewwa l-Italja;

Illi l-valuta f'Liri Maltin skond ir-rata tal-kambju preżenti tas-somma dovuta lis-soċjeta' Ceccotti Aviero Spa eskluż l-imgħax hija ta' disat elef sitt mija u wieħed u sebgħin Lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9,671.85);

Illi f'laqgħa straordinarja tal-azzjonisti tas-soċjeta' Ceccotti Aviero Spa tat-13 t'Ottubru 2004, l-istess soċjeta' Ceccotti Aviero Spa ġiet konvertita fis-*Societa' a Responsabbilta' Limitata* Ceccotti Aviero Srl u dana skond il-minuti ta' dik il-laqgħa hawn annessi u mmarkati Dok. C;

Illi jirriżulta mill-minuti ta' dik l-istess laqgħa straordinarja tal-azzjonisti illi saret riżoluzzjoni li permezz tagħha s-*Societa' a Responsabbilta' Limitata* Ceccotti Aviero Srl ġiet likwidata u ġie appuntat bħala stralċjarju u rappreżentant tagħha is-sur Marco Martini;

Illi r-rikorrent nomine għandu interess jeżegwixxi s-sentenza fuq ċitata ġewwa Malta;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:

1. Tiddikkjara eżegwibbli u konsegwentement tordna l-eżekuzzjoni tas-sentenza fuq ċitata sabiex ir-rikorrent nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas tas-somma tal-

valuta f'liri Maltin tas-somma ta' tnejn u għoxrin elf u ħames mija u disgħa u għoxrin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (Eur. 22,529.36) ossia s-somma ta' disat elef sitt mija u wieħed u sebgħin lira Maltija u ħamsa u tmenin ċenteżmu (Lm9,671.85) oltre l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mit-8 ta' Jannar sad-data tal-pagament effettiv;

2. Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat illi r-Rikors ġie debitament notifikat lis-soċjeta' konvenuta li naqset li tippreżenta Tweġiba fiż-żmien mogħti lilha mil-Liġi u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-Rikors tirriżulta pruvata.

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta **tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi barranija** kif dedotta fir-Rikors, tordna li s-sentenza mogħtija mit-*Tribunale di Pisa – Sezione Civile* fis-27 ta' Diċembru, 2004, fil-kawża fl-ismijiet "*Ceccotti Aviero S.P.A vs. C. Fino & Sons Limited"* tista' tiġi eżegwita f'Malta għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

**Bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' konvenuta**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------